**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Lulju 2023**

**<u>Rikors nru : 361/2023 AGV ;</u>**

**PG u CG**

**VS**

**X**

Il-Qorti ;

Rat ir- Rikors kongunt ta' Divorzju ta' PG u CG ;

Jesponi bir-rispett:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa mija disgha u disghin (25.05. 1999) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok A.**

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt ta separazzjoni ddata tmientax ta' Marzu tas-sEna elfejn u tlieta (18.03.2003) fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi u dana skont kopja vera tal-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat bhala **Dok B.** illi sussegwentament il-partijiet emendaw il-kuntratt tas separazzjoni hawn imsemmi permezz ta Modifikazzjoni tal-kuntartt ta separazzjoni fl-atti Tan -Nutar Ian Spiteri ddatat erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (24.12.2008) fejn l-unika haga li giet emendata kienet it-trasferiment tal-propjeta' immobbli tal-partijiet li sehem ir-rikorrenti C G gie trasferit lir-rikorrenti PG dana skont kopja vera tal-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat bhala **Dok C.**

**ILLI** minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom lil LG li twieled fid-dsatax ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (19.09.2001) u li ghalhekk illum ghandu wiehed u ghoxrin sena. Illi l-istess LG temm l-istudji Universitarji tieghu u mhuwiex qieghed jistudja fuq bazi full-time , anzi huwa jinsab f' impjieg fuq bazi full-time u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut skont il-ligi ghat-tifel tal-partijiet.

Illi jekk ddikjarat ukoll illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin u dana skond il-klawzola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta separazzjoni hawn imsemmi datat tmintax ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (18.03.2003) kif ukoll liema klawzola tar-rinunznja tali manteniment giet irreplikata fil-modifikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni datata erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (24.12.2008) u hija mmarkata ukoll bhala klawzola numru erbgha (4).

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta rikonciljazzjoni.

Illi ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghhom hawn annessi u mmarkati bhala **Dok D u E** Rispettivament.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili , Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha neccessarji biex dan id-digriet ta Divorzju jigi registart fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar id- 29 ta’ Mejju 1999.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**